**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL. D., M. Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 7/2016**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 10/2016**

**Michael Casha u Rose Casha u b'digriet tal-20 ta' Frar 2014 saret transfuzjoni tal-gudizzju f'isem Michael Casha wara l-mewt ta' Rose Cachia**

**vs**

**Mario Gatt u martu Mary Gatt**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Illum, 25 ta' Frar, 2016**

*Digriet dwar talba ghat-thassir ghal kollox tal-Mandat fl-ismijiet premessi, jew alternattivament ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tieghu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Bord;

Ra r-rikors;

Ra r-risposta;

Ra l-atti kollha tal-process inkluz l-atti allegati u cioe dawk fil-process Citazzjoni numru: 73/08GG u dawk fil-process Appell numru 73/08AE;

Sema' x-xhieda tal-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li fis-seduta tal-01 ta' Frar 2016, ir-rikors gie pospost ghad-digriet;

Ra li r-rikors gie riappuntat ghall-25 ta' Frar 2016 sabiex jinghata d-digriet relattiv;

Iddecieda:

Illi l-**Art. 281 (1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid: "*Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*"

Illi fil-gurisprudenza lokali diga' kien hemm diversi okkazjonijiet fejn gie interpretat u elaborat dan l-Artikolu. Tali interpretazzjoni pero' dejjem kienet wahda ristretta tenut kont tan-natura u l-effetti tal-imsemmi Artikolu.

Hekk fil-kawza **Edward Pace vs Michael Sultana et**, citazzjoni numru 287/2005,[1] il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat spjegazzjoni tajba tal-import ta' dan l-Artikolu u cioe illi dan l-Artikolu jippermetti t-thassir in toto jew in parte ta' Mandat fuq difetti fil-forma li tkun intuzat f'tali mandat.

Ir-rikors odjern pero ma hu bazat fuq l-ebda lamentela dwar difett fil-forma. Pjuttost huwa bazat fuq binarju ta' mertu u mhux ta' procedura jew ta' forma, u cioe r-rikorrent qed jivvanta illi ghandu titolu validu biex jokkupa l-imsemmi fond.

Illi l-Bord ma hux ser joqghod jerga' jelenka d-diversi kawzi gia decizi li ttrattaw dan il-punt, stante wkoll illi dawn diga dahhlu fihom il-partijiet fir-rikors u r-risposta rispettivament.

Illi l-Bord ihoss illi ghandu jsegwi l-insenjamenti gia dettati minn diversi decizjonijiet precedenti u cioe illi rikors bhal dak odjern ghandu jigi milqugh biss jekk (1) jirrizulta difett, ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu u (2) dan jirreka pregudizzju lill-parti ezekutata.

Illi r-rikorrent fir-rikors tieghu spjega li t-talba tieghu ma hiex bazata fuq difett fil-forma izda hija bbazata fuq pretensjoni ta' titolu validu.

Illi fuq dan biss il-Bord ihoss illi m'ghandux jilqa' t-talba tar-rikorrent la ghat-thassir tal-Mandat ta' Zgumbrament u lanqas ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tieghu.

Illi ai termini ta' l-istess Artikolu 281. Il-Bord ma hux tenut li jezamina lamenteli oltre dawk ta' procedura u forma. Jigifieri fil-kaz odjern l-Bord ma jistax jidhol fuq l-lamentela ta' titolu validu li qed jivvanta r-rikorrent.

---

[1] Deciza fil-05 ta' Mejju 2005.

Pero f'dan ir-rigward, il-Bord ihoss illi m'ghandux jiskarta dak li qal fix-xhieda tieghu r-rikorrent fejn spjega illi huwa kien jaf bil-proceduri li l-intimat odjern u martu kienu istitwew kontra l-ġenituri tieghu, kemm dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk fl-Appell. Minkejja dan ir-rikorrent intavola r-rikors odjern. Illi l-Bord huwa tal-fehma illi ghalhekk r-rikorrent kellu kull opportunita tul il-proceduri li diga' ittiehdu mill-intimat odjern u martu li mietet fil-mori tal-proceduri[2] sabiex jew jigi kjamat fil-kawza jekk huwa tassew kellu xi dritt fuq il-proprjeta in kwistjoni jew inkelli jintervjeni minn jeddu jekk tassew ghandu tali dritt. Izda r-rikorrent ghazel li ma jimxix b'dan il-mod minkejja li l-imsemmija proceduri hadu tul ta' aktar minn seba' snin.

Il-Bord ghalhekk huwa tal-fehma li l-proceduri odjerni huma biss trovata ohra da parti tar-rikorrent odjern u tal-genituri tieghu sabiex ikomplu jistultifikaw il-process tal-gustizzja ghad-detriment tal-intimat odjern.

Il-Bord jinnota wkoll illi dak illi illum qed jivvanta r-rikorrent ma jaghmilx sens u ma jsegwix mill-fatti precedenti kif sehhew kronologikament kieku wiehed kellu jaccetta t-tezi tieghu illi huwa ghandu titolu validu fuq l-imsemmi fond. Dan qed jinghad in vista tas-segwenti:

1. Dok A[3] Cessjoni minn Mario Gatt lil ibnu r-rikorrent Glen Gatt datata 15 ta Lulju 2004.

   Din ic-cessjoni qatt ma giet mgharrfa lill-intimati permezz ta' att gudizzjarju kif jitlob l-Artikolu **1471 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jghid: "Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi,

[2] Rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju u digriet tal-20 ta' Frar 2014 a fol. 13 sa 20, Qorti ta' l-Appell.

[3] A fol. 6 tal-process.

jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent."

Huwa minnu li l-intimati kienu obbligaw ruhhom li jirrikonoxxu lil ulied l-inkwilin fl-iskrittura tal-kirja[4]. Dan pero ma jnehhix l-obbligu tar-rikorrent li jottempora ruhu mal-ligi u jgharrafhom bic-cessjoni permezz ta' "att gudizzjarju" u mhux ittra legali. Dan apparti l-fatt illi l-intimat fix-xhieda tieghu jiddikjara illi huwa qatt ma rcievi tali ittra[5];

2. Illi, in segwitu ghal tali skrittura, r-rikorrent iddepozita l-kera ghall-perjodu ta' tlettax il-xahar u nofs f'ismu permezz ta' tlett cedoli, DOK. D, E u F[6]. L-ewwel cedola tkopri perjodu ta' kera li jibda mill-15 ta' Frar 2004, jigifieri sitt xhur qabel saret ic-cessjoni riferita. Ic-cedoli l-ohrajn ikopru hlas tal-kera sal-31 ta' Marzu 2005;

3. F'Awissu tal-2008 il-kera regghet bdiet tigi depozitata f'isem missier ir-rikorrent u cioe f'isem Mario Gatt u baqghet tigi hekk depozitata sat-28 t'Ottubru 2015 fejn permezz ta' cedola numru 2155/15 giet depozitata l-kera dovuta ghall-iskadenza tal-31 ta' Dicembru 2011[7]. Jidher ukoll illi hemm konfuzjoni ukoll f'mohh l-istess Mario Gatt li donnu lanqas kien jaf sewwa sew meta l-ahhar li hallas tant li din l-ahhar cedola tkopri skadenza li diga kienet koperta bic-cedola numru 2230/12[8];

---

[4] Dok. C a fol. 8 tal-process.

[5] Dok. B a fol.7 tal-process.

[6] A fol. 10 sa 15 tal-process.

[7] Ara Dok.MC1 sa MC12 a fol. 28 sa fol. 39 tal-process.

[8] Dok. MC9 a fol. 36 tal-process.

4. Ladarba missier ir-rikorrent rega' beda jiddepozita l-kera f'ismu u ladarba r-rikorrent mill-2005 'l hawn ma kompliex jiddepozita l-kera f'ismu izda l-kera regghet bdiet tithallas f'isem l-inkwilin originali, allura jidher li z-zewg partijiet stess fuq c-cessjoni riferita bl-azzjonijiet taghhom stess regghu lura minn tali cessjoni u poggew kollox ghall-istatus quod ante u cioe l-inkwilin originali rega' ha lura l-kirja odjerna;

5. In oltre, il-perjodi bejn l-01 t'April 2005 u u t-30 ta' Gunju 2008, u mill-01 t'April 2012[9] sal-lum ma jirrizulta li huma koperti bl-ebda hlas ta' kera.

Tenut kont ta' dan kollu l-Bord qieghed jilqa' s-sottomissjonijiet tal-intimat, konsegwentament jirrevoka *contrario imperio* d-digriet tieghu provvizorju tad-29 ta' Jannar, 2016, u jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

[9] Qed jinghad l-01 t'April 2012 stante illi l-Bord qed jikkunsidra l-hlas doppju maghmul ghall-iskadenza ta' Marzu 2011 bhala wiehed ikopri dik l-iskadenza ta' Marzu 2011 u l-iehor jkopri l-iskadenza li kien imiss wara l-ahhar cedola li saret u li allura tigi l-iskadenza ta' Marzu 2012.